

## II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI  
EWROPEA

KUMMISSJONI

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**  
**(Każ COMP/M.4870 — EDF EN/Alcofinance/Alcogroup JV)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/C 284/01)

Fid-19 ta' Ottubru 2007, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Franċiż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

- mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (<http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/>). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32007M4870. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea. (<http://eur-lex.europa.eu>)

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

(Każ COMP/M.4842 — Danone/Numico)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/C 284/02)

Fil-31 ta' Ottubru 2007, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

- mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (<http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/>). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32007M4842. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea. (<http://eur-lex.europa.eu>)